# 123. Xena tal-Imħabba

Qaluli niddeskrivi b'ħafna lwien
xi xena ta' l-imħabba ġo x'imkien
kollu romantiku, li tkun tintemm
mhux b'ferħ u żwieġ u riżq, iżda bil-hemm.
U rasi jien ħabbilt, għarraqt għajnejja;
ma nafx jekk togħġobkomx, ħarbixt li ġejja.

Mal-ħmara ta' Frenċ jinnamra
darba ried il-ħmar ta' Xmun,
waqt li l-ħmar u l-ħmara kienu
marbutin mal-karrettun.

Xmun kien jiżen frott u ħxejjex,
in-nies miegħu tross u ddur;
Frenċ kien jgħajjat xi ġmiel għandu
ta' bajd frisk, ta' fniek, ta' tjur!

F'daqqa waħda l-art miżrugħa
sfat bil-qara' u l-patata,
bit-tadam, bil-ħjar, bil-basal,
bil-lariġ u bl-insalata.

Minn ġol-qfief il-bċieċen taru,
ħarbu l-flieles, ħarbu l-fniek;
u għadira bajda u safra
ta' bajd frisk tnixxi fit-triq.

Nisa jwerżqu, tfal imħaxxma,
kulħadd jiġri ma jafx fejn;
Xmun lill-ħmar kemm għandu saħħa,
Frenċ lill-ħmara jiġbdu t-tnejn.

In-nies ħarġu lkoll fit-twieqi,
fil-bibien, fil-galleriji;
il-kurjużi ġrew mat-toroq,
ġiet ukoll il-pulizija!

Din hija x-xena li ħarbixt; bil-qima
ngħidilkom illi fiha wkoll tagħlima;
fis-saħna l-ħmir ta' Frenċ u sieħbu Xmun
insew li huma t-tnejn bil-karrettun,
kif jagħmlu ħafna u ħafna miżżewġin
fil-ġenn illi jaqbadhom għal xulxin